31973D0402

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Novembru 1973
li temenda d-Deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 1962 li tistitwixxi proċedura għal eżami u konsultazzjoni minn qabel rigward ċerti liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw it-trasport kif proposti fl-Istati Membri

(73/402/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi, sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat fi ħdan l-istruttura tal-politka komuni dwar it-trasport, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1962 [1] waqqfet proċedura għal eżami u konsultazjoni minn qabel rigward ċerti liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar it-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-kanali interni kif proposti mill-Istati Membri;

Billi, biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tindirizza opinjoni jew rakkomandazzjoni lill-Istat Membru li kkonsultaha rigward id-dispożizzjonijiet li pproponiet li tadotta dwar it-trasport, fi żmien ċerti perjodi mir-riċevuta tan-notifika, fejn meħtieġ wara li tkun ikkonsultat l-Istati Membri kollha; billi dawn il-perjodi dehru li kienu qosra wisq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1962 se jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

1. Fi żmien xahrejn mir-riċevuta tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tindirizza opinjoni jew rakkomandazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat; din għandha fl-istess ħin tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

2. Kull Stat Membru jista' jissottometti lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-miżura in kwistjoni; għandu fl-istess ħin jikkomunikahom lill-Istati Membri l-oħra.

3. Jekk Stat Membru hekk jitlob, jew jekk il-Kummissjoni tikkunsidra dan xieraq, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kollha dwar il-miżuri in kwistjoni. Fil-każ speċifikat fil-paragrafu 4 konsultazzjoni ta' din ix-xorta tista' sseħħ wara l-avveniment fi żmien xahrejn.

4. Il-Kummissjoni tista', fuq it-talba ta' l-Istat Membru, tqassar il-perjodu mniżżel fil-paragrafu 1, jew jekk dak l-Istat jaqbel, ittawlu. Il-perjodu għandu jitnaqqas għal ħmistax-il ġurnata jekk l-Istat Membru jiddikjara li l-miżura li jkun jipproponi li jieħu tkun ta' natura urġenti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar kull riduzzjoni jew estensjoni tal-perjodu.

[1] ĠU C 23, tat-3.4.1962, p. 720/62.

5. L-Istat Membru m'għandux iġib il-miżura in kwistjoni fis-seħħ sa wara l-iskadenza tal-perjodu previst għalhekk jew fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 4, jew wara li l-Kummissjoni tkun ifformulat l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni tagħha, ħlief f'każ ta' urġenza estrema, li teħtieġ azzjoni immedjata mill-Istat Membru. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu mill-ewwel jinforma lill-Kummissjoni u l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita wara l-avveniment fi żmien xahrejn mir-riċevuta ta' din informazzjoni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Brussel, fit-22 ta' Novembru 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KAMPMANN